# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Lulju, 2022.**

**Numru 1**

**Rikors numru 43/20/1 JVC**

**Dr. Sergio D'Amico għan-nom u in rappreżentanza ta' Digi B Network Limited (C 35571)**

**v.**

**1. L-Awtorita` tax-Xandir**
**2. L-Avukat tal-Istat**

1. Is-soċjeta` attriċi topera Terrestrial Digital Audio Broadcasting Network f'Malta, debitament liċenzjat mill-Awtorita` konvenuta sabiex ixxandar servizzi permezz ta' stazzjonijiet tar-radju. Fil-11 ta' Ġunju 2018 is-soċjeta` attriċi kienet issottomettiet applikazzjoni sabiex tinħarġilha liċenzja tax-xandir, biex tkun tista' tibda xxandar kontenut awdjofoniku permezz ta' stazzjon tar-radju diġitali bl-isem "MALTIN BISS." Fis-16 ta' Awwissu 2018 is-soċjeta` attriċi ssottomettiet applikazzjoni oħra sabiex tinħarġilha liċenzja tax-xandir sabiex tkun tista' tibda

xxandar kontenut awdjofoniku permezz ta' stazzjon tar-radju diġitali bl-isem "D(ANCE) LAB." Fid-29 ta' Mejju 2019 is-soċjeta` attriċi ntavolat rikors quddiem il-Qorti tal-Appell *ai termini* tal-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, peress li l-applikazzjonijiet imsemmija kienu ilhom pendenti aktar minn erba' xhur u kienu għadhom ma' ġewx deċiżi (Rikors nru. 155/2019). Permezz ta' sentenza datata 16 ta' Novembru 2019 il-Qorti tal-Appell iddikjarat l-appell tas-soċjeta` attriċi rritu u null, wara li qieset li kien ġie ntavolat tard. Is-soċjeta` attriċi sussegwentement preżentat dan ir-rikors, permezz ta' liema qed tilmenta li ġew leżi d-drittijiet fondamentali tagħha sanċiti permezz tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba d-dewmien tal-Awtorita` konvenuta li tipproċessa l-applikazzjoni tagħha mingħajr ma tipprovdi ġustifikazzjoni għal tali nuqqas. Is-soċjeta` attriċi tilmenta wkoll li sofriet leżjoni tad-dritt tagħha sanċit permezz tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell li tiddikjara l-appell tagħha null hija nkompatibbli mal-prinċipju taċ-ċertezza legali u l-obbligu li tiġi promossa l-utilita` u l-effikaċja tar-regoli proċedurali, u għaliex l-Istat naqas milli jipprovdi l-għodda u l-makkinarju legali neċessarju sabiex tiġi mistħarrġa u kkontestata l-konklużjoni milħuqa mill-Qorti tal-Appell, kif ukoll ksur tad-dritt sanċit permezz tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba n-nuqqas tal-Istat li jipprovdi għal dritt li tappella minn sentenza tal-Qorti tal-Appell li tkun effettivament ġiet mogħtija in prim'istanza.

2. F'dawn il-proċeduri hija talbet għalhekk lill-ewwel Qorti sabiex:

"1. Tiddikjara li d-dewmien tal-Awtorità intimata kif ukoll in-nuqqas sallum stess li tagħti deċiżjoni dwar l-applikazzjoni relattiva għall-ħruġ ta' liċenza abbinata max-xandir tal-istazzjon tar-radju diġitali 'MALTIN BISS' [indikata fil-paragrafu sitta (6) ta' dan ir-Rikors], kif ukoll dik relattiva għall-istazzjon tar-radju diġitali 'D(ANCE) LAB' [indikata fil-paragrafu sebgħa (7) ta' dan ir-Rikors], sarrfu fil-leżjoni tad-drittijiet fondamentali tal-kumpanija rikorrenti, kif protetti permezz tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [l-Artikolu 10 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta].

2. Tiddikjara li l-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, kif abbinat mas-subartikoli (5), (6), (7), (9), (10) tal-Artikolu 16 tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, u/jew l-applikazzjoni u t-tħaddim tal-istess disposizzjonijiet fil-konfront tal-kumpanija rikorrenti, jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-kumpanija rikorrenti, kif protetti permezz tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta].

3. Tiddikjara li l-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, kif abbinat mas-subartikoli (5), (6), (7), (9), (10) tal-Artikolu 16 tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, u/jew l-applikazzjoni u t-tħaddim tal-istess disposizzjonijiet fil-konfront tal-kumpanija rikorrenti, ma jikkostitwux rimedju effettiv għall-ksur tad-drittijiet u tal-libertajiet tal-istess kumpanija rikorrenti, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet protetti permezz tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [l-Artikolu 13 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta].

4. Tordna lill-intimati, jew min minnhom, sabiex, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni meqjusa opportuna f'dan ir-rigward, jottempraw ruħhom mad-direttivi li jistgħu talvolta jitqiesu bħala meħtieġa fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, u/jew li JIPPROVDU lill-kumpanija rikorrenti bir-rimedji kollha meqjusin opportuni sabiex jiġu rimedjati l-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fondamentali tagħha u sabiex jiġi eliminat kull xkiel għall-eżerċizzju tal-istess.

5. Tagħti dawk l-ordnijiet, dawk id-direttivi u dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni sabiex jiġi assigurat li ma jkunx jeżisti iktar xkiel għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-kumpanija rikorrenti ai termini tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll għall-eżerċizzju tad-drittijiet fondamentali tagħha, inkluż dawk neċessarji sabiex jiġi assigurat li d-drittijiet tagħha jibqgħu impreġudikati pendenti t-twettieq tal-obbligi tal-Awtorità intimata, kif imposti fuqha bil-liġi, inkluż li tħassar u li twarrab l-effetti tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell mogħtija nhar is-sittax ta' Diċembru tas-sena elfejn u dsatax (16.12.2019) fl-ismijiet Digi B Network Limited -vs- L-Awtorità tax-Xandir ta' Malta (Rikors tal-Appell Nru. 155/19).

6. Tillikwida l-kumpens spettanti lill-kumpanija rikorrenti in vista tal-akkoljiment tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) talba suesposta u, konsegwentement, TIKKUNDANNA lill-intimati, jew min minnhom, għall-ħlas tal-ammont hekk illikwidat."

3. L-Awtorita` tax-Xandir eċċepiet, *inter alia,* li s-soċjeta` attriċi kienet naqset milli tipprovdi l-informazzjoni li kienet ġiet mitluba biex l-applikazzjoni tagħha tkun tista' tiġi pproċessata b'mod spedit u b'hekk poġġietha fl-impossibilita` li tipproċessa din l-applikazzjoni, imbagħad kienet intavolat appell li kien *fuori termine* u għalhekk null u għaldaqstant m'hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tagħha.

4. L-Avukat tal-Istat eċċepixxa, *inter alia,* li s-soċjeta` attriċi kellha rimedji ordinarji a dispożizzjoni tagħha li hija naqset milli tuża mingħajr raġuni valida, li l-funzjoni tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali mhijiex li jkunu qrati ta' reviżjoni għal deċiżjonijiet meħuda mill-qrati tal-appell, li t-termini mposti fil-liġi għandhom jiġu rrispettati, li l-liġijiet proċedurali huma ta' ordni pubbliku għaliex joħloqu ordni dwar kif għandhom jitmexxew il-proċeduri quddiem il-qrati u li l-ilment tas-soċjeta` attriċi huwa bbażat fuq żball proċedurali min-naħa tagħha u għalhekk *imputet sibi.*

5. Bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tas-27 ta' Jannar 2022 ġie deċiż hekk:

> "Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tilqa' r-risposti tal-Awtorita' tax-Xandir intimata u wkoll tal-Avukat tal-Istat intimat u stante li ma sabet l-ebda leżjoni tad-drittijiet fondamentali ndikati mis-soċjeta' rikorrenti, tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.
>
> Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti."

6. Is-soċjeta` attriċi preżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-16 ta' Frar 2022 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellati.

7. L-Awtorita` tax-Xandir preżentat ir-risposta tal-appell tagħha fil-11 ta' Marzu 2022 permezz ta' liema ssottomettiet li l-appell tas-soċjeta` attriċi għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu, bl-ispejjeż kollha kontra tagħha.

**Ikkonsidrat;**

8. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha s-soċjeta` appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li l-proċeduri quddiemha ntużaw bħala appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta' Diċembru 2019 u konsegwentement kienet żbaljata meta għaddiet sabiex tilqa' r-raba' eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u tiċħad l-ilment tagħha bbażat fuq l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Is-soċjeta` appellanti targumenta li fis-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2019 il-Qorti tal-Appell ma kinitx iddeċidiet il-mertu tal-kwistjoni, *ossia* d-dewmien min-naħa tal-Awtorita` appellata biex tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzja, u minħabba dan in-nuqqas hija ma ngħatatx smigħ minn organu aġġudikattiv indipendenti u imparzjali għall-istħarriġ tal-ilment tagħha. Targumenta wkoll li l-ewwel Qorti naqset milli tapprezza li hija ma ressqet l-ebda lment dwar ksur ta' drittijiet fondamentali quddiem il-Qorti tal-Appell u għalhekk ma jistax ikun li dawn il-proċeduri

jikkostitwixxu appell minn appell. Iżżid li m'għandux ikun dubju li l-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali għandhom ġurisdizzjoni sabiex jiddeterminaw jekk il-prinċipji protetti bis-saħħa tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jkunux ġew osservati u applikati korrettement mill-Qrati, anke jekk ikunu qrati superjuri.

9. Permezz tat-tieni aggravju s-soċjeta` appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra l-ilment tagħha dwar id-dritt fondamentali għall-aċċess u smigħ xieraq minn organu aġġudikattiv indipendenti u imparzjali u l-ilment tagħha dwar id-dritt għal rimedju effettiv fil-kuntest tal-fatti u taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, senjatament fid-dawl li l-Qorti tal-Appell taġixxi bħala Qorti tal-ewwel, l-aħħar u l-unika istanza *ai termini* tal-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta. Targumenta li fir-rikors promotur tagħha hija talbet li l-Qorti tesprimi ruħha mhux biss dwar kif inhu redat l-Artikolu 11(3) meta abbinat mas-sub-artikoli (5), (6), (7), (9) u (10) tal-Artikolu 16 tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta iżda wkoll għar-rigward tal-applikazzjoni u tħaddim tal-istess dispożizzjonijiet tal-liġi fil-konfront tagħha, u tilmenta li l-ewwel Qorti naqset milli tagħmel stħarriġ veru u proprju tal-ilmenti u l-argument tagħha iżda llimitat ruħha biss sabiex tikkonferma l-loġika mħaddna mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha. Issostni li l-ilment tagħha kien li fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-ilment tagħha l-qafas legali domestiku u/jew it-tħaddim tar-regoli proċedurali relevanti mill-Qorti tal-Appell kien leżiv tad-drittijiet fondamentali tagħha *in vista* tal-fatt li l-Qorti tal-Appell kienet qed taġixxi bħala Qorti tal-ewwel u l-aħħar istanza peress li r-rikors preżentat minnha kien kontra d-dewmien tal-Awtorita`

appellata li tipproċessa l-applikazzjoni tagħha għall-ħruġ ta' liċenzja u fil-fatt ma kienu ġew prodotti l-ebda provi jew sottomessi argumenti quddiem organu ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju u lanqas ma kienet ingħatat deċiżjoni mill-Awtorita` appellata. Issostni li għalhekk fiċ-ċirkostanzi wieħed ma jistax raġonevolment iqis li kienet teżisti xi forma ta' *doppio esame* għaliex anke kieku l-Qorti tal-Appell ma ddikjaratx l-appell null, hija kienet ser tiddeċiedi biss dwar id-dewmien u mhux dwar il-mertu ta' xi deċiżjoni meħuda mill-Awtorita` appellata. Tgħid li minħabba d-dispożizzjoni legali msemmija jew b'konsegwenza tat-tħaddim tagħhom hija ġiet imċaħħda milli jkollha forma ta' stħarriġ relatat mad-dewmien eżerċitat mill-Awtorita` appellata, kif ukoll dritt li tikkontesta d-deċiżjoni mogħija mill-Qorti tal-Appell f'dan ir-rigward.

10. Is-soċjeta` appellanti targumenta wkoll li sub-inċiżi (4), (5) u (10) tal-Artikolu 16 tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-każ *stante* li dawn jirregolaw u jipprovdu flimkien għall-finalita` ta' deċiżjoni mogħtija dwar is-sospensjoni jew determinazzjoni ta' liċenzja f'każ li jkunu saru kontravvenzjonijiet minn detenur ta' liċenzja. Targumenta li fl-isfond ta' dawn iċ-ċirkostanzi huwa ċar li l-Istat naqas milli jipprovdi dritt statutorju ta' appell veru u proprju minn deċiżjoni relatata ma' dewmien in konnessjoni mal-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal ħruġ ta' liċenzja għaliex m'hemm l-ebda mezz kif applikant jikkontesta d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fejn ikun intalab rimedju kontra d-dewmien tal-Awtorita` appellata. Tgħid li dan ifisser ukoll li l-Istat naqas milli jipprovdi rimedju effettiv *ai termini* tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni

Ewropea. Iżżid li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell li ma tiħux konjizzjoni tar-rikors tagħha għandha riperkussjonijiet u mplikazzjonijiet serji għall-operat tagħha. Skont is-soċjeta` appellanti l-Qorti tal-Appell naqset milli tosserva d-dmir tagħha li tagħti '*effet utile'* lir-regoli relevanti, u ċioe` li tassigura li hija jkollha aċċess għall-Qorti sabiex jiġi mistħarreġ il-mertu tal-ilment tagħha minn organu aġġudikattiv indipendenti u imparzjali.

11. Permezz tat-tielet aggravju tagħha s-soċjeta` appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti naqset milli tagħmel analiżi tal-Artikolu 11(3) kif abbinat mas-sub-Artikoli (5), (6), (7), (9) u (10) tal-Artikolu 16 tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta u naqset milli tikkonsidra u tapplika l-prinċipji ġenerali ta' dritt żviluppati mill-Qorti Ewropea fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Tilmenta li l-ewwel Qorti ma kkonsidratx u m'għamlet l-ebda referenza għall-prinċipji ta' dritt indikati fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha dwar l-obbligu tal-qrati domestiċi li jassiguraw l-'*effet utile'* ta' regoli proċedurali biex fejn teżisti nċertezza r-regoli proċedurali jiġu nterpretati u applikati b'mod li jippromwovu u jiffaċilitaw aċċess għal organu aġġudikattiv. Targumenta li l-Artikolu 11 (3) kif abbinat mas-sub-inċiżi msemmija tal-Artikolu 16 tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta ma jissodisfax il-prinċipju ta' ċertezza legali *stante* li skont hi ma jispeċifikax terminu għall-appell kontra d-dewmien tal-Awtorita` appellata f'sitwazzjoni fejn applikazzjoni tkun ilha pendenti għal mill-inqas erba' xhur, u għalhekk ukoll it-tħaddim ta' dawn ir-regoli proċedurali mill-qrati domestiċi ma jistax jitqies bħala '*forseeable'.* Skont is-soċjeta` appellanti l-Qorti tal-Appell estrapolat kalkolu tat-terminu għall-

preżentata ta' rikors kontra d-dewmien meta l-Artikolu 16 (5) jirregola d-dritt ta' detenur ta' liċenzja minn deċiżjoni tal-Awtorita` appellata li tissospendi jew tiddetermina l-liċenzja tiegħu skont id-dispożizzjoni tal-Artikolu 16 (4), u żżid li ċ-ċirkostanzi tal-Artikolu 16 (4) huma totalment irrelevanti u estraneji għall-ilment u sitwazzjoni tagħha. Skont is-soċjeta` appellanti huwa fil-verita` impossibbli li wieħed jasal għall-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti tal-Appell għaliex l-Artikolu 16 (5) jallaċja t-terminu ta' ħmistax-il ġurnata għall-preżentata tar-rikors tal-appell mad-data tan-notifika dwar deċiżjoni mogħtija skont is-sub-Artikolu (4) tal-Artikolu 16 u għalhekk huwa kontra-sens li jiġi estrapolat terminu għall-appell li huwa applikabbli f'kuntest fejn tkun fil-fatt ingħatat deċiżjoni mill-Awtorita` għar-rigward ta' kwistjoni li m'għandha x'taqsam xejn mal-mertu tal-ilment tagħha. Is-soċjeta` appellanti tgħid li għalhekk ġie leż id-dritt tagħha għall-aċċess għall-Qorti, u li dan l-ilment għandu wkoll jiġi kkonsidrat fid-dawl tal-fatt li l-Qorti tal-Appell hija l-unika Qorti vestita b'kompetenza sabiex tiġġudika l-mertu tal-ilment tal-istess soċjeta`. Iżżid li fi kwalunkwe każ id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tmur kontra l-ispirtu tal-liġi għaliex id-dewmien fl-ipproċessar ta' applikazzjoni huwa preżunt mil-liġi li jikkostitwixxi nuqqas kontinwat min-naħa tal-Awtorita` appellata bi preġudizzju għad-drittijiet fondamentali tal-applikat b'kull ġurnata li tgħaddi, u l-Awtorita` tibqa' obbligata li tagħti deċiżjoni minkejja li jkun iddekorra l-perjodu ta' erba' xhur, u l-applikant għandu kull dritt li jistenna li tingħata din id-deċiżjoni minflok ikun kostrett li jintavola proċedura ġudizzjarji *entro terminu* li lanqas biss jirriżulta mil-liġi. Is-soċjeta` appellanti targumenta wkoll li l-ewwel Qorti kellha tikkonduċi stħarriġ

tal-proporzjonalita` bejn l-għan protett mill-qafas legali kontenut fil-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta u d-dritt fondamentali tas-soċjeta` appellanti li tingħata aċċess għal stħarriġ tal-ilment tagħha fil-mertu minn organu aġġudikattiv indipendenti u imparzjali. Tgħid li minn qari tas-sentenza jirriżulta li dan il-'*balancing exercise'* ma sarx.

12. Permezz tar-raba' aggravju tagħha s-soċjeta` appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti ma apprezzatx in-natura tal-ilment tagħha *ai termini* tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea u b'konsegwenza ta' dan naqset milli tanalizza jekk id-dewmien da parti tal-Awtorita` appellanti fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet pendenti quddiemha setax jitqies bħala preskritt b'liġi u meħtieġ f'soċjeta` demokratika. Targumenta li l-ilment tagħha mhuwiex li ma nħarġitx liċenzja jew li tali liċenzja damet ma nħarġet iżda li ma ttiħditx deċiżjoni mill-Awtorita` appellata. Targumenta li f'dan il-każ hija l-liġi stess li tgħid li d-deċiżjoni għandha tingħata *entro* erba' xhur u għalhekk m'għandux ikun permess għall-Awtorita` li ttawwal dan il-perjodu ta' erba' xhur anke jekk tkun qed tistenna xi nformazzjoni mingħand l-applikant, f'liema każ allura għandha tgħaddi biex tiċħad l-applikazzjoni relattiva biex b'hekk l-applikant ikun jista' jintavola appell jekk hekk jidhirlu. Iżżid li dan hu partikolarment importanti f'każ fejn l-Awtorita` tkun qed titlob informazzjoni li m'għandhiex dritt għaliha. Fil-mertu tgħid li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li l-Awtorita` appellata kienet għarrfet lis-soċjeta` appellanta li kellha bżonn xi *financial statements* biex tipproċessa l-applikazzjoni pendenti quddiemha għaliex l-ittra tat-8 ta' Ottubru

2018 ma kinitx relevanti għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet li hija kienet issottomettiet.

13. L-Awtorita` appellata tirribatti d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta jagħtuha l-fakulta` li titlob aktar dokumenti sabiex applikazzjoni tiġi awtorizzata u dan huwa proprju dak li ġara f'dan il-każ billi s-soċjeta` appellanti kienet intalbet tipprovdi *audited accounts* għal diversi drabi, iżda s-soċjeta` appellanti baqgħet qatt ma għamlet dan. Skont l-Awtorita` appellata għalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta waslet għall-konklużjoni li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tal-appellanta kif ilmentat minnha. Issostni li mhuwiex minnu li s-soċjeta` appellanti tħalliet f'limbu mingħajr eżitu dwar l-applikazzjoni tagħha għaliex l-Awtorita` appellata kienet għarrfitha f'liema stadju l-verifika tal-applikazzjoni kienet waslet u li kien hemm bżonn li tiġi sottomessa aktar informazzjoni min-naħa tagħha, u dan oltre li xejn ma kien iwaqqaf lill-appellanta milli tinterponi appell quddiem il-Qorti tal-Appell biex tissalvagwardja l-pożizzjoni tagħha. Tgħid li fil-fatt l-istħarriġ dwar x'wassal għad-dewmien f'dan il-każ kellha tagħmlu l-Qorti tal-Appell, u kien biss għaliex is-soċjeta` appellanti nterponiet l-appell tagħha tardivament li dan ma sarx.

14. L-appellata targumenta wkoll li l-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta kien jipprovdi rimedju effettiv għaċ-ċirkostanzi tal-appellanta u dan billi jagħti dritt ta' appell lill-applikant jekk l-Awtorita` ma tkunx ħadet deċiżjoni dwar applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzja fi żmien erba' xhur. Issostni li l-liġi tgħid ċar u tond x'inhu

r-rimedju u *entro* liema terminu għandu jiġi eżerċitat, u s-soċjeta` appellanta ntavolat dawn il-proċeduri biss għaliex l-eżitu tal-appell intavolat minnha skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta ma kienx favorevoli għaliha. Tgħid li d-dritt ta' appell huwa inekwivoku f'dak stipulat fil-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, u t-terminu għall-preżentata tar-rikors tal-appell stipulat fih irid jiġi nterpretat b'mod litterali. Issostni li dan ma kienx każ ta' formaliżmu eċċessiv jew ta' regola li ma kinitx "*forseeable"* għaliex ir-regola hija ċara u stipulata fil-liġi iswed fuq l-abjad.

15. L-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ir-raba' eċċezzjoni li ssostni li qed isir appell minn deċiżjoni gia res judicata tal-Qorti tal-Appell u l-ilment fit-termini tal-artikolu artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali:
>
> Illi in relazzjoni mal-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha b'referenza għall-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea ċioe' d-dritt għal smigħ xieraq, is-soċjeta' rikorrenti tinsisti li dan id-dritt tagħha ġie leż għar-raġunijiet kif mogħtija minnha stess fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha kif isegwi:
>
> > "Illi hija ġiet imċaħħda milli jkollha aċċess għall-smiegħ xieraq quddiem organu ġudizzjarju konsegwenza tal-interpretazzjoni li tat il-Qorti tal-Appell stess tar-regoli proċedurali relattivi għall-preznetata ta' appell entro t-terminu ta' ħmistax-il ġurnata b'dana li l-appell tagħha ġie dikajrat fuori termine."
>
> Huwa evidenti mis-sottomissjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti li dak li mhux qed taqbel miegħu ir-rikorrenti hija l-interpretazzjoni li tat l-Onorabbli Qorti tal-Appell lill-artikoli 11 (3) u 16 (5) tal-Kap. 350 'Att dwar ix-Xandir' tal-Liġijiet ta' Malta fid-deċiżjoni tagħha tas-16 ta' Diċembru, 2019.
>
> Issostni fil-fatt fil-paragrafu 44 tas-sottomissjonijiet tagħha li:
>
> > "fl-isfond tal-konsiderazzjonijiet suesposti, il-kumpanija rikorrenti umilment tissottometti li, bl-interpretazzjoni restrittiva u bit-tħaddim strett tar-regoli proċedurali relattivi, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Ċivili kisret id-dritt fondamentali tal-kumpanija rikorrenti għal aċċess għal Qorti sabiex jiġi mistħarreġ il-mertu tal-ilment tagħha, liema dritt huwa protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem."

Illi ddawwar kif iddawwar l-argument tagħha s-soċjeta rikorrenti, huwa ċar lil din il-Qorti li permezz tal-ilment tagħha fit-termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hija qed titlob li din il-Qorti terġa tistħarreġ id-deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell u tvarja d-deċiżjoni skont l-interpretazzjoni li skont is-soċjeta' rikorrenti għandha tingħata lill-artikoli 11 (3) u 16 (5) tal-Att Dwar ix-Xandir. Illi dan ċertament mhux il-kompitu ta' din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha. Huwa ċar daqs il-kristall għall-Qorti li s-soċjeta' qed tittenta appell minn appell għaliex id-deċiżjoni fil-konfront tagħha ma għoġbitiex. Dan iżda ma jekwivalix għal ksur ta' xi dritt fundamentali tagħha.

Illi l-Qorti rat li l-artikolu 11 (3) tal-Kap. 350 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra kif isegwi:

> "Applikant li l-applikazzjoni tiegħu tiġi rifjutata li jidhirlu li l-Awtorita' ma aġixxietx skont ir-regola tal-ġustizzja naturali, jew li aġixxiet b'manjiera grossolosament irraġonevoli jew li iddiskriminat mingħajr raġuni kontra tiegħu, jew li l-applikazzjoni tiegħu tkun ilha pendenti għal mill-inqas erba' xhur, jista' jappella kontra din id-deċiżjoni jew dewmien lill-Qorti tal-Appell skont il-proċeduri fl-artikolu 16 (5), (6), (7) (9), u (10)."

Rat ukoll l-artikolu 16 (5) tal-Kap. 350 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra kif isegwi:

> "(5) Detentur ta' liċenza li jħoss ruħu aggravat minn deċiżjoni tal-Awtorita' biex jissospendi jew jiddetermina l-liċenza tiegħu skont is-subartikolu (4), jista' jappella kontra dik id-deċiżjoni lill-Qorti tal-Appell b'rikors li jiġi preżentat fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika li ssirlu dwar id-deċiżjoni tal-Awtorita'."

Illi minn qari tal-artikolu 11 (3) joħroġ li appell huwa possibbli wkoll minn dewmien deskritt bħala applikazzjoni li tkun ilha pendenti għal mill-inqas erba' xhur u mhux neċċessarjament minn deċiżjoni. Ir-rikorrenti ssostni li dan għandu jiġi nterpretat li l-applikant ikollu l-jedd li jappella fi kwalunkwe mument li l-applikazzjoni tkun għadha pendenti wara l-perjodu ta' erba' xhur. Il-Qorti tal-Appell ma qablitx miegħu dwar din l-interpretazzjoni u sostniet kif isegwi:

> "Illi l-Artikolu 11(3) tal-imsemmija liġi jgħid, fost affarijiet oħra, li jekk l-applikazzjoni għall-liċenzja tkun ilha pendenti għal mill-anqas erba' xhur, l-applikant jista' jappella kontra d-dewmien lil din il-Qorti skont il-proċeduri kontemplati fl-Artikolu 16(5)(6)(7)(9) u (10). Issa f'dan il-każ iż-żewġ applikazzjonijiet tressqu waħda f'Ġunju tas-sena 2018 u oħra fis-16 ta' Awwissu, 2018. Dawn l-applikazzjonijiet baqgħu mhux ipproċessati, u l-applikant baqa' ma ngħatax risposta jekk l-applikazzjonijiet tiegħu ġewx milqugħa jew le. Dan ifisser li erba' xhur wara s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, skatta favur l-applikant id-dritt tal-appell li, skont l-Artikolu 16(5) tal-Att, kellu jiġi eżerċitat fi żmien ħmistax-il jum. Hu veru li dan is-subartikolu jgħid li l-15-il ġurnata jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika li ssirlu dwar id-deċiżjoni tal-Awtorita`, li f'dan il-każ ma kienx hemm għax ma kienx hemm deċiżjoni, pero`, abbinat mal-provvediment tal-Artikolu 11(3) imsemmi, dan l-artikolu bilfors irid jiftiehem illi f'każ ta' applikazzjoni pendenti għal tal-anqas erba' xhur, it-terminu ta' ħmistax-il jum jibda jiddekorri għeluq l-erba' xhur minn mindu tkun tressqet. Hu, għalhekk, li l-Artikolu 11(3) espressament jagħmel referenza għall-proċeduri msemmija fl-Artikolu 16(5). Altrimenti jkun ifisser li applikant ikun jista' jeżerċita d-dritt tal-appell li tagħtih il-liġi meta jrid għeluq erba' xhur mill-applikazzjoni, ħaġa li ma riedx il-leġislatur u, f'kull każ,

> ikun kunċett li jmur kontra l-ordni pubbliku li jrid li kwistjonijiet, anke mal-awtoritajiet governattivi, xi darba jingħalqu. Issa, f'dan il-każ, l-aħħar applikazzjoni tressqet fis-16 ta' Awwissu, 2018, u din l-applikazzjoni kellha tiġi pproċessata sas-16 ta' Diċembru, 2018. Minn dik id-data, darba li l-applikazzjoni baqgħet ma ġietx pproċessata, skatta ż-żmien ta' ħmistax-il jum għall-preżentata tal-appell. Dan l-appell, pero`, ġie preżentat oltre t-terminu previst, u fil-fatt tressaq fid-29 ta' Mejju, 2019. Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tqis li dan l-appell ġie preżentat fuori termine u kwindi irritu u null."

Il-Qorti rat li l-Onorabbli Qorti tal-Appell, stante li t-terminu entro liema jrid jiġi preżentat appell huwa ta' ordni pubbliku, qajmet hi stess il-kwistjoni tal-fuori termine. Ir-rikorrenti ssostni li dan ma kellhiex tagħmlu. Din il-Qorti assolutament ma taqbilx mas-soċjeta' rikorrenti dwar dan il-punt stante li f'każ ta' kwistjonijiet ta' ordni pubbliku, l-Qorti hija dejjem obbligata li tqajjem dawn il-punti ex officio anki jekk ma jqajjmuhomx il-partijiet u din il-Qorti ma tqisx li din hija xi kwistjoni ta' formalita' eċċessiva kif tittenta ddawwarha s-soċjeta' rikorrenti.

Illi dwar l-interpretazzjoni tal-artikoli msemmija in relazzjoni dwar jekk l-appell tas-soċjeta' ġiex intavolat entro t-terminu mpost fil-liġi jew le din il-Qorti ma għandhiex xi żżid ma dak li ngħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell anzi ttenni li hija prekluża milli b'xi mod terġa teżamina dik id-deċiżjoni.

Għaldaqstant fir-rigward tal-ilment kostituzzjonali relatat mal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea in eżami dwar is-smigħ xieraq, din il-Qorti tiddikjara li l-ilment tas-soċjeta' rikorrenti jikkonsisti effettivament f'appell minn deċiżjoni res judicata tal-Onorabbli Qorti tal-Appell u għalhekk ser tgħaddi sabiex tilqa' r-raba' eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat intimat u tiċħad din il-parti tal-ilment tas-soċjeta' rikorrenti.

Allegat ksur tad-dritt fundamentali għal rimedju effettiv fit-termini tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:

Il-Qorti rat li s-soċjeta' rikorrenti ssejjes dan l-ilment tagħha fil-konfront tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni fuq l-istess bażi tal-ilment preċedenti u ċioe' d-deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 16 ta' Diċembru, 2019. Illi l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jaqra kif isegwi:

> "Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorita' nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali."

Ir-rikorrent ssostni li l-liġi fit-termini tal-artikolu 16 (10) tal-Kap. 350, Att Dwar ix-Xandir tal-Liġijiet ta' Malta huwa leżiv ta' dan id-dritt fundamentali għaliex id-deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell hija 'finali u konklussiva' b'dan li jsostnu li ma jagħtux rimedju effettiv kif trid il-Konvenzjoni.

Illi l-artikolu 16 (10) jaqra kif isegwi:

> "(10) Meta ma jkunx sar appell validu fiż-żmien stabbilit bis-subartikolu (5), jew meta l-appell ikun ġie ċedut jew mhux komplut, jew meta l-kwestjoni tkun iqatgħet mill-Qorti tal-Appell, id-deċiżjoni dwar is-sospensjoni jew determinazzjoni tal-liċenza tax-xandir in kwestjoi għandha tkun finali u konklussiva għall-finijiet ta' dan l-Att."

Ir-rikorrenti ssostni li l-fatt li l-liġi ma tipprovdiex għal dritt ta' appell minn deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell huwa leżiv ta' dan id-dritt fundamentali. Fil-fatt issostni kif isegwi fis-sottomissjonijiet tagħha:

> "Huwa, f'dan il-kuntest, li l-kumpanija rikorrenti umilment tissottometti li l-Istat Malti naqas milli jipprovdi dritt statutorju ta' appell veru u proprju taħt il-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan billi ma ħax il-miżuri neċessarji in virtu' tal-obbligu tiegħu, ossia tal-'positive obligation' li jinkombi fuqu f'dan ir-rigward ai termini tal-Konvenzjoni…"

Illi din il-Qorti taqbel mal-ġurisprudenza kwotata mis-soċjeta' rikorrenti fejn jiġi sostnut li l-artikolu 13 jitlob l-eżistenza ta' rimedju effettiv fuq livell nazzjonali li jwassal għall-ħarsien effettiv tal-jeddijiet maħsuba fil-Konvenzjoni u li jkun jista' jitqies l-ilment tal-ksur tal-jedd konvenzjonali fil-mertu tiegħu u kif ukoll li jingħata rimedju effettiv f'każ ta' sejbien ta' ksur. Din il-Qorti iżda ma taqbilx mal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni li tipprova tagħmel is-soċjeta' rikorrenti ta' dawn il-prinċipji fil-konfront tal-każ tagħha.

Illi jirriżulta lil din il-Qorti li l-liġi Maltija permezz tal-Att dwar ixXandir tiprovdi mezzi sabiex issir applikazzjoni għal ħruġ ta' liċenzja tar-radju. L-Awtorita' oriġinali adita sabiex tagħti deċiżjoni hija l-Awtorita' tax-Xandir. Il-liġi tipprovdi għal dritt ta' appell f'każ ta' deċiżjoni mill-Awtorita' tax-Xandir u wkoll f'każ ta' nuqqas ta' deċiżjoni u t-trapass ta' erba xhur mid-data talapplikazzjoni. Il-liġi timponi wkoll li dan l-appell għandu jiġi ntavolat fi żmien ħmistax-il jum li l-Onorabbli Qorti tal-Appell interpretat li f'każ ta' nuqqas ta' deċiżjoni jibdew jiddekorru mit-trapass tal-erba' xhur mill-intavolar tal-applikazzjoni. Jirriżulta lil din il-Qorti li s-soċjeta' rikorrenti kienet taf ben tajjeb meta ntavolat l-applikazzjonijiet in kwistjoni ċioe' nhar il-11 ta' Ġunju, 2018 u nhar is-16 ta' Awissu, 2018. Naturalment allura m'hemmx wisq tfixkil sabiex wieħed jikkalkula t-trapass ta' erba' xhur minn kull data. Is-soċjeta' rikorrenti għalhekk kienet ben konxja jew kellha tkun ben konxja tad-dati minn meta skatta d-dritt ta' appell tagħha. Jirriżulta li flok is-soċjeta' rikorrenti ntavolat l-appell fiż-żmien impost mil-liġi għażlet li tibqa' tħaqqaqha mal-Awtorita' ntimata dwar x'dokumentazzjoni kellha jew ma kellhiex tipprovdi flok ikkawtelat il-jedd mogħti lilha fil-liġi li tappella. Riżultat tan-nuqqas tagħha stess, l-appell tas-soċjeta' rikorrenti ġie dikjarat fuori termine. Ta dan in-nuqqas tista' taħti biss is-soċjeta' rikorrenti.

Il-Qorti tqis li fl-ambitu tal-Kap. 350 Att dwar ix-Xandir, l-Istat Malti provda rimedju effettiv quddiem awtorita' nazzjonali u dan huwa fil-forma tad-dritt ta' appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell. Li s-soċjeta' rikorrenti tipretendi li hija tista' tintavola appell meta trid hi u mhux meta timponi l-liġi ai fini ta' ordni pubbliku u wkoll tippretendi li hija tingħata dritt ta' appell minn deċiżjoni ta' appell imur ferm oltre dak li jirrikjedi l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem mill-Istat.

Dan kollu anzi jerġa' jġib lil din il-Qorti għar-raba' eċċezzjoni mqajjma mill-Avukat tal-Istat, ukoll in relazzjoni ma' din il-parti tal-ilment kostituzzjonali, u tqis li dan l-ilment huwa biss tentattiv aħħari ta' appell mid-deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell u xejn aktar.

Il-Qorti għalhekk ser tgħaddi sabiex tiċħad ukoll din il-parti tal-ilment kostituzzjoni tas-soċjeta' rikorrenti.

Allegat ksur tad-Drittijiiet fundamentali tas-soċjeta' rikorrenti taħt l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, id-dritt għal-liberta tal-espressjoni: Illi l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni msemmija jaqra kif isegwi;

> "1. Kulħadd għandu d-dritt għal-liberta' ta' espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-liberta li jkollu opinjonijiet u li jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil mill-awtorita' pubblika u mingħajr ma jittieħed kont ta' fruntieri. Dan l-Artikolu ma għandux jimpedixxi Stati milli jeħtieġu liċenzi għax-xandir, televiżjoni jew impriżi ċinematografiċi.
>
> 2. L-eżerċizzju ta' dawn il-libertajiet, billi jġib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suġġett għal dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjeta' demokratika, fl-interessi tas-sigurta nazzjonali, integrita' territorjali jew sigurta pubblika, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, għall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' ħaddieħor, biex jiġi evitat il-kxif ta' informazzjoni riċevuta b'sigriet, jew biex tiġi miżmuma l-awtorita' u l-imparzjalita' tal-ġudikatura."

Illi dwar l-imposizzjoni li ssir applikazzjoni għal liċenzja sabiex radju jkun jista' jxandar l-istess artikolu 10 tal-konvenzjoni jipprovdi li dan huwa leġittimu. Fil-każ odjern jidher li s-soċjeta' rikorrenti qed tilmenta dwar id-dewmien allegatament esaġerat sabiex inħarġu l-liċenzji rikjesti tant li dawn inħarġu biss lejn l-aħħar tal-mori tal-kawża odjerna.

Il-Qorti rat li mill-atti effettivament l-ittra tat-8 ta' Ottubru, 2018 kienet ittra pjuttost neboluża dwar jekk din kinitx marbuta wkoll mal-applikazzjonijiet in kwistjoni għall-istazzjonijiet msemmija f'dan ir-rikors ġuramentat. Dan anki għaliex ma ngħata l-ebda numru ta' referenzi. Il-Qorti iżda rat li huwa l-istess Sergio D'Amico li fl-e-mail tiegħu datata 11 ta' Ottubru, 2018 li jinforma lill-Awtorita' li sa Novembru 2018 kien ser jipprovdi l-'audited accounts' tas-soċjeta' rikorrenti lill-Awtorita' ntimata. L-Awtorita' għalhekk baqgħet tistenna dawn l-'audited accounts' u stante li qatt ma waslu spiċċat ma proċessatx l-applikazzjonijet stante li kienet rabtet dawn l-applikazzjonijiet mal-bżonn tal-preżentata ta' dawn l-'audited accounts'. Il-Qorti għalhekk tqis li, għalkemm huwa minnu li għalkemm mhux neċċessarjament permezz tal-ittra datata 8 ta' Ottubru, 2018 ir-rikorrenti kienet mistennija li tifhem li dawn l-'audit accounts' kienu qed jorbtu mal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet, wara d-diskursata li saret ex admissis bejn Sergio D'Amico u Daniel Delia huwa ċar mill-e-mail datata 11 ta' Ottubru, 2018 li allura l-affarijiet kienu ġew iċċarati u li s-soċjeta' kienet ben infurmata bil-bżonn tal-preżentata ta' dawn l-'audit accounts' sabiex ikun jista' jitkompla l-ipproċessar tal-applikazzjoni. Fil-fatt malli dawn ġew

preżentati fil-mori tal-kawża l-Awtorita' proċediet sabiex tipproċessa l-applikazzjonijiet u dawn ġew approvati fi ftit xhur.

Il-Qorti rat illi mill-artikolu 11 (2) tal-Kap. 350 tal-Liġijiet ta' Malta, Att dwar ix-Xandir joħroġ li l-Awtorita' ntimata, fil-ħruġ ta' liċenzi tax-xandir, għandha tikkunsidra wkoll 'il-potenzjal ekonomiku u viabilita' u 'illi d-detentur ta' liċenzja jkun kapaċi jwettaq l-obbligi kollha tiegħu taħt dan l-Att.'

Kif xehdet ben tajjeb Dr. Joanne Spiteri, kap eżekuttiv tal-Awtorita, fil-każ tal-applikazzjonijiet in kwistjoni l-Awtorita' rat li dawn ir-radji kien qed jiġi propost li jitmexxew minn diversi nies fuq bażi volontarja u li kienet ser tagħmel tajjeb għall-ispejjeż is-soċjeta' rikorrenti. In vista ta' dan l-Awtorita' qajjmet il-kweżit ġustifikat dwar jekk is-soċjeta' rikorrenti kinitx f'posizzjoni finanzjarja mod li tkun tista' tagħmel tajjeb għal dawn l-ispejjeż sabiex ir-radji in kwistjoni jipprovdu kontenut ta' kwalita' għall-pubbliku. Kienet din ir-raġuni li ntalbu l-'audited accounts' u jekk għall-bidu forsi ma kienx daqshekk ċar ir-raġuni għalfejn kienu qed jintalbu, sal-e-mail tal-11 ta' Ottubru, 2018 jirriżulta lil din il-Qorti li r-rikorrenti kienet fehmet li l-Awtorita' kienet qed tistenna l-preżentata tagħhom qabel tkompli bl-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet.

Illi l-Qorti kkonstatat li, kuntrarju għal dak dikjarat minn Sergio D'Amico fl-e-mail tal-11 ta Ottubru, 2018, l-'audited accounts' tas-soċjeta' ma ġewx preżentati f'Novembru 2018 iżda ġew biss preżentati fil-mori tal-kawża odjerna, fl-atti odjerni, nhar it-22 ta' Marzu, 2021 ċioe' aktar minn sentejn u nofs wara d-data li kienet indikat l-istess soċjeta' li ser tipreżentahom. F'Ġunju, 2021 l-Awtorita' tax-Xandir ħarġet il-liċenzi mitluba (ċioe' madwar tlett xhur wara).

Illi fil-kuntest ta' dan kollu din il-Qorti ma hi qed tara l-ebda ksur tad-dritt għall-liberta' tal-espressjoni fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti iżda qed tara biss nuqqasijiet li jistgħu jiġu biss addebitati lill-istess soċjeta' rikorrenti li konsegwenza tagħhom l-applikazzjonijiet in kwistjoni baqgħu ma jistgħux jiġu konklużi.

Il-Qorti għalhekk ser tgħaddi sabiex tiċħad ukoll l-ilment tas-soċjeta' rikorrenti kif msejjes fit-termini tal-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem"

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

16. L-ewwel Qorti ċaħdet l-ilment tas-soċjeta` attriċi dwar l-allegat ksur tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq wara li kkonsidrat li s-soċjeta` attriċi kienet qiegħda effettivament tipprova tappella minn sentenza tal-Qorti tal-Appell billi

tuża dawn il-proċeduri biex tottjeni reviżjoni tal-interpretazzjoni magħmula mill-Qorti tal-Appell tal-liġi relevanti. Is-soċjeta` appellanti, fl-ewwel aggravju tagħha tilmenta li l-ewwel Qorti kienet żbaljata għaliex il-Qorti tal-Appell ma kinitx tat deċiżjoni fuq il-mertu tal-appell tagħha dwar id-dewmien ta' żmien min-naħa tal-Awtorita` appellata li tipproċessa l-applikazzjoni tagħha. Din il-Qorti tirrileva li huwa rrelevanti li l-Qorti tal-Appell ma tatx deċiżjoni dwar il-mertu tal-appell tas-soċjeta` attriċi, għaliex l-ilment tagħha dwar ksur tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq huwa essenzjalment ibbażat fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell li tiddikjara *fuori termine* u konsegwentement null l-appell tagħha. Għalhekk il-fatt li l-Qorti tal-Appell ma ddeterminatx il-mertu tal-appell tagħha ma jfissirx awtomatikament li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li b'dan l-ilment is-soċjeta` attriċi qed tipprova tappella minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell.

17. Is-soċjeta` attriċi argumentat ukoll li dawn il-proċeduri ma jistgħux ikunu appell minn appell, peress li għalkemm il-proċeduri *ai termini* tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta jiġu ntavolati quddiem il-Qorti tal-Appell, fiċ-ċirkostanzi tagħha dawn il-proċeduri kienu effettivament proċeduri tal-ewwel istanzi peress li ma kinux qed jirrevedu xi deċiżjoni meħuda minn organu aġġudikattiv. Il-Qorti tirrileva li fil-kuntest tal-limiti tal-poteri tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali huwa rrelevanti jekk il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell kinux proċeduri ta' reviżjoni ta' deċiżjoni ġudizzjarja/*quasi*-ġudizzjarja jew le. Dan għaliex, dawn il-Qrati m'għandhomx il-poter li jissindikaw l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi ordinarja mill-Qrati ordinarji sabiex jiddeterminaw jekk il-Qrati ordinarji

kkommettewx żball ta' liġi jew ta' fatt fid-deċiżjonijiet tagħhom. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **J.E.M. Investments Limited v. L-Avukat Ġenerali** (Kost., 30/11/2011) fejn ġie spjegat li:

> "...id-dritt għas-smigħ xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu iżda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' ċerti prinċipji proċedurali (indipendenza u imparzjalita` tal-Qorti u tal-ġudikant, audi alteram partem u smiegħ u pronunċjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konduċenti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati oħra biex tgħid jekk dawn ġewx deċiżi 'sewwa' jew le, iżda hija limitata għall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea."[1]

18. Irrispettivament minn jekk il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell kinux proċeduri ta' appell veru u proprji, u ċioe` reviżjoni ta' deċiżjoni oriġinali, il-funzjoni tal-ewwel Qorti ma kinitx li teżamina jekk l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi relevanti mill-Qorti tal-Appell kinitx tajba jew le. Il-kompitu tal-ewwel Qorti kien dak li teżamina jekk il-Qorti tal-Appell segwitx il-garanziji proċedurali elenkati fl-istess artikolu jew jekk il-proċeduri, ikkonsidrati fl-intier tagħhom, iggarantewx smigħ xieraq lis-soċjeta` appellanti. Fil-fatt, ir-regola ġenerali hija li dawn il-qrati huma preklużi milli jissindikaw il-kostatazzonijiet u konklużjonijiet tal-qrati ordinarji fir-rigward tal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi ordinarja, u l-unika eċċezzjoni għal din ir-regola hija meta dawn il-kostatazzjonijiet u konklużjonijiet ikunu "*flagrantly and manifestly arbitrary, in a manner which flies in the face of justice and common sense and gives rise in*

[1] Ara wkoll: **Anthony Seychell vs Kummissarju tal-Pulizija et** (Kost., 27/06/2016); **John Tanti vs L-Avukat Generali** (Kost., 06/02/2015) **Andrew Ellul Sullivan u Charles sive Carmelo Ellul Sulivan vs Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali** (Kost., 18/06/2008).

*itself to a violation of the Convention*."[2] Din il-Qorti tqis għalhekk li s-soċjeta` appellanti għandha raġun in parti fl-aggravju tagħha. Għalkemm huwa minnu li ma kienx il-kompitu tal-ewwel Qorti li tissindika l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi ordinarja mill-Qorti tal-Appell, *in vista* tal-ilment tas-soċjeta` appellanti l-ewwel Qorti kellha tikkonsidra jekk dik l-interpretazzjoni kinitx "*flagrantly and manifestly arbitrary*" b'tali mod li tikser id-drittijiet fondamentali tas-soċjeta` appellanti.

19. Il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet li r-rikors tas-soċjeta` appellanti kien ġie ntavolat *fuori termine* wara li kkonsidrat hekk:

> "…erba' xhur wara s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, skatta favur l-applikant id-dritt tal-appell li, skont l-Artikolu 16(5) tal-Att, kellu jiġi eżerċitat fi żmien ħmistax-il jum. Hu veru li dan is-subartikolu jgħid li l15-il ġurnata jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika li ssirlu dwar iddeċiżjoni tal-Awtorita`, li f'dan il-każ ma kienx hemm għax ma kienx hemm deċiżjoni, pero`, abbinat mal-provvediment tal-Artikolu 11(3) imsemmi, dan l-artikolu bilfors irid jiftiehem illi f'każ ta' applikazzjoni pendenti għal tal-anqas erba' xhur, it-terminu ta' ħmistax-il jum jibda jiddekorri għeluq l-erba' xhur minn mindu tkun tressqet. Hu, għalhekk, li l-Artikolu 11(3) espressament jagħmel referenza għall-proċeduri msemmija fl-Artikolu 16(5). Altrimenti jkun ifisser li applikant ikun jista' jeżerċita d-dritt tal-appell li tagħtih il-liġi meta jrid għeluq erba' xhur mill-applikazzjoni, ħaġa li ma riedx il-leġislatur u, f'kull każ, ikun kunċett li jmur kontra l-ordni pubbliku li jrid li kwistjonijiet, anke mal-awtoritajiet governattivi, xi darba jingħalqu."

20. Is-soċjeta` appellanti tilmenta fir-rikors tal-appell tagħha li l-Artikolu 16 (5) tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta kien totalment estraneju għall-każ tagħha peress li dan is-sub-inċiż tal-Artikolu 6 jistabbilixxi dritt ta' appell favur detenur

[2] **Sisojeva and Others v. Latvia** (QEDB, 15/01/2007). Ara wkoll, **Carmel Joseph Farrugia v. Avukat Generali** (Kostituzzjonali, 05/04/2013): "…qorti ta' kompetenza kostituzzjonali għandu mnejn illi jkollha tqis ix-xhieda u l-meritu deċiż minn qorti ordinarja jekk isir ilment illi l-konklużjonijiet ta' dik il-qorti kienu "arbitrary or manifestly unreasonable" b'tali mod li jimpinġu fuq xi dritt fundamentali tal-individwu."

ta' liċenzja li jħossu aggravat minn deċiżjoni tal-Awtorita` li tissospendi jew tiddetermina l-liċenzja tiegħu *ai termini* tar-raba' sub-inċiż tal-istess artikolu. Skont is-soċjeta` appellanti dan ifisser li l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi mill-Qorti tal-Appell ma setatx tkun prevedibbli, għaliex ma setax ikun prevedibbli li l-Qorti tal-Appell tapplika kontra tagħha artikolu tal-liġi li huwa ċarament inapplikabbli għaliex immirat lejn detenturi ta' liċenzja li hi ma kellhiex. Din il-Qorti pero` tqis li dan l-argument tas-soċjeta` appellanti huwa manifestament infondat. L-Artikolu 11 (3) tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta joħloq dritt għas-soċjeta` appellanta, *qua* applikanta, li tappella kontra d-dewmien fl-ipproċessar tal-applikazzjoni tagħha quddiem il-Qorti tal-Appell. Dan is-sub-inċiż jiddisponi illi l-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 16 (5), (6), (7), (9) u (10) huma l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti fil-każ li jiġi ntavolat appell *ai termini* tal-Artikolu 11 (3).[3] Għalhekk kien għal kollox prevedibbli u raġonevoli li l-Qorti tal-Appell tqis applikabbli l-Artikolu 16(5) għall-proċeduri ntavolati mis-soċjeta` appellanta, ġaladarba hija l-liġi stess li espressament tirrendi applikabbli dan is-sub-inċiż għall-proċeduri ntavolati *ai termini* tal-Artikolu 11(3), inkluż dawk dovuti għal dewmien ta' żmien fl-ipproċessar ta' applikazzjoni.

21. Din il-Qorti ma ssib xejn li huwa "*flagrantly and manifestly unreasonable"* fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell. Ġaladarba l-Artikolu 11(3) jagħmel applikabbli l-ħames sub-inċiż tal-Artikolu 16 anke fir-rigward ta' appell minn dewmien, hija

[3] L-Artikolu 11 (3) tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk: "Applikant li l-applikazzjoni tiegħu tiġi rifjutata u li jidhirluli l-Awtorità ma aġixxietx skont ir-regoli tal-ġustizzja naturali, jew li aġixxiet b'manjiera grossolosament irraġonevoli jew li ddiskriminat mingħajr raġuni kontra tiegħu, jew li l-applikazzjoni tiegħu tkun ilha pendenti għal mill-inqas erba' xhur, jista' jappella kontra din id-deċiżjoni jew dewmien lill-Qorti tal-Appell skont il-proċeduri fl-artikolu 16(5), (6), (7), (9) u (10)."

raġonevoli l-konklużjoni li anke min ikun qed jintavola appell kontra dewmien fl-ipproċessar ta' applikazzjoni għandu terminu ta' ħmistax-il ġurnata sabiex jintavola l-appell tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell. Stabbilit li l-liġi timponi terminu ta' ħmistax-il ġurnata anke fil-każ ta' appell minn dewmien, huwa mbagħad għalhekk raġonevoli li l-Qorti tal-Appell qieset li dan it-terminu jiskatta hekk kif jagħlqu erba' xhur mid-data tal-applikazzjoni u l-Awtorita` appellata tkun għadha ma tat l-ebda deċiżjoni fir-rigward tal-istess applikazzjoni. Din il-Qorti tqis li kienet raġonevoli l-konsiderazzjoni tal-Qorti tal-Appell li l-leġiżlatur ma kellux il-ħsieb li dan id-dritt ta' appell ikun jista' jiġi eżerċitat meta jkun irid l-applikant wara l-għeluq ta' erba' xhur mis-sottomissjoni tal-applikazzjoni. L-ewwel nett, li kieku l-leġiżlatur ried li dan id-dritt ikun jista' jiġi eżerċitat meta jrid l-applikant ma kienx jimponi terminu ta' ħmistax-il ġurnata għall-preżentata tal-appell għaliex dan huwa proprju kontra-sens. Inoltre, ikkonsidrat li l-għan tal-appell huwa proprju li jtemm dewmien fl-ipproċessar ta' applikazzjoni, il-loġika tiddetta li l-leġiżlatur ried li dan id-dritt jiġi eżerċitat malajr kemm jista' jkun wara l-għeluq tal-erba' xhur *entro* liema l-Awtorita` għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha u mhux li jista' jiġi eżerċitat żmien twil wara b'mod li l-kwistjoni dejjem tkompli titwal.

22. Is-soċjeta` appellanta targumenta wkoll li fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Artikolu 11(3) abbinat mal-Artikolu 16(5) tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Appell użat formaliżmu eċċessiv b'mod li kisret id-dritt tagħha għall-aċċess għall-Qorti. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li

għalkemm huwa minnu li skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, u anke tal-Qrati Maltin stess, il-formaliżmu eċċessiv għandu dejjem jiġi evitat, il-Qorti Ewropea fil-ġurisprudenza tagħha tenfasizza wkoll li l-flessibilita` żejda għandha tiġi evitata għaliex tali flessibilita` xxejjen ir-regoli proċedurali stabbiliti mil-liġi.[4] L-applikazzjoni ta' regola proċedurali li żżomm lill-individwu milli jkollu l-każ tiegħu mismugħ u deċiż mill-Qorti tkun leżiva tad-dritt tiegħu għall-aċċess għall-Qorti biss fejn dik l-applikazzjoni ma tkunx isservi ċ-ċertezza legali u l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Sabiex jirnexxi dan it-tip ta' lment irid jirriżulta b'mod partikolari li l-applikazzjoni tal-liġi mill-Qorti kienet tikkostitwixxi restrizzjoni rraġonevoli jew sproporzjonata għall-aċċess għall-Qorti. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Zubac v. Croatia** (QEDB, 05/04/2018), ċitata mis-soċjeta` appellanti stess:

> "...*the Court would stress that* ***the observance of formalised rules of civil procedure****, through which parties secure the determination of a civil dispute,* ***is valuable and important as it is capable of limiting discretion, securing equality of arms, preventing arbitrariness, securing the effective determination of a dispute and adjudication within a reasonable time, and ensuring legal certainty and respect for the court.***
>
> […]
>
> *An assessment of a complaint of excessive formalism in the decisions of the domestic courts will usually be the result of an examination of the case taken as a whole (see Běleš and Others, cited above, § 69), having regard to the particular circumstances of that case (see, for instance, Stagno v. Belgium, no. 1062/07, §§ 33-35, 7 July 2009, and Fatma Nur Erten and Adnan Erten v. Turkey, no. 14674/11, §§ 29-32, 25 November 2014). In making that assessment,* ***the Court has often stressed the issues of "legal certainty" and "proper administration of justice" as two central elements for drawing a distinction between an excessive formalism and an acceptable application of procedural formalities.*** *In particular, it has held that the right of access to a court is impaired when the rules cease to serve the aims of legal certainty and the proper administration of justice and form a*

[4] Ara per eżempju: **Hasan Tunç and others v. Turkey** (QEDB, 31/01/2017).

> *sort of barrier preventing the litigant from having his or her case determined on the merits by the competent court (see, for instance, Kart v. Turkey [GC], no. 8917/05, § 79 in fine, ECHR 2009 (extracts); see also Efstathiou and Others v. Greece, no. 36998/02, § 24 in fine, 27 July 2006, and Eşim v. Turkey, no. 59601/09, § 21, 17 September 2013).”* [enfażi ta' din il-Qorti]

23. Il-Qorti tosserva li f'dan il-każ il-Qorti tal-Appell iddikjarat l-appell tas-soċjeta` appellanta null wara li kkonsidrat li kien ġie ntavolat ferm aktar tard mit-terminu ta' ġimgħatejn provdut fil-liġi. Kif diġa` spjegat aktar 'il fuq, din il-Qorti tqis li l-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell kienet waħda raġonevoli u prevedibbli. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-interpretazzjoni tal-liġi magħmula mill-Qorti tal-Appell la hija sproporzjonata u lanqas irraġonevoli, għaliex il-mod kif il-Qorti tal-Appell interpretat il-liġi relevanti żżomm mal-ispirtu u l-għan tal-liġi, jippromwovi ċ-ċertezza legali u l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. L-interpretazzjoni tal-artikoli in kwistjoni fis-sens li l-appell minn dewmien għandu jiġi ntavolat *entro* ħmistax-il ġurnata hekk kif jagħlqu l-erba' xhur mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni jipprevjeni arbitrarjeta għaliex jistabbilixxi terminu ċar, oġġettiv u prevedibbli u kien espressament intiż sabiex jiżgura li jitrażżan id-dewmien fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet mill-Awtorita` konvenuta, li fl-aħħar mill-aħħar huwa l-għan innifsu tar-rimedju in kwistjoni. Il-kliem 'mill-anqas erba' xhur' għandu jiftiehem f'dan is-sens, altrimenti l-iskop tal-liġi għall-ħeffa tal-ipproċessar tal-applikazzjoni jiġi mfixxkel. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi mill-Qorti tal-Appell ma kinitx leżiva tad-drittijiet fondamentali tas-soċjeta` appellanti.

24. Fir-rigward imbagħad tal-ilment tas-soċjeta` appellanti dwar il-kwalita` tal-liġi nnifisha, il-Qorti tirrileva li l-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmel referenza espressa għall-Artikolu 16(5) tal-istess liġi u jipprovdi li dak provdut fl-Artikolu 16(5) huwa applikabbli għar-rigward ta' appelli minn dewmien intavolati *ai termini* tal-Artikolu 11(3). Għalhekk huwa ċar u għal kollox prevedibbli li hemm terminu ta' ħmistax-il ġurnata li japplika f'każ ta' appell minn dewmien sabiex tiġi proċessata applikazzjoni mill-Awtorita` konvenuta. Il-pern tal-kwistjoni fil-fehma ta' din il-Qorti huwa aktar dwar meta dan it-terminu jibda jiddekorri. Il-Qorti tqis li kien ikun ferm aktar desiderabbli li kieku l-leġiżlatur inkluda artikoli speċifiċi li jirregolaw il-proċedura f'każ ta' appell intavolat *ai termini* tal-Artikolu 11 (3), partikolarment fejn *si tratta* ta' appell minn dewmien fejn allura ma jkun għad hemm l-ebda deċiżjoni, u dan sabiex jiġi skansat kwalunkwe ekwivoku. Detto dan pero`, il-Qorti ma tqisx li dan il-fattur huwa ta' gravita` suffiċjenti li jikser id-drittijiet fondamentali tas-soċjeta` appellanti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, interpretazzjoni raġonevoli u loġika tal-artikolu relevanti hija fis-sens li t-terminu jibda jiddekorri mill-iskadenza tal-erba' xhur *entro* liema għandha tiġi proċessata d-deċiżjoni, anke jekk forsi hemm bżonn li jittieħed parir legali fuq dan il-punt mill-individwu konċernat. Meta s-soċjeta` appellanti għażlet li tintavola l-appell tagħha ħafna xhur wara li kien għadda t-terminu hija poġġiet lilha nnifhsa f'pożizzjoni fejn kienet qed tirriskja li l-appell tagħha jiġi dikjarat *fuori termine* u għalhekk ma jistax jingħad li l-liġi, jew il-mod kif ġiet

interpretata jew applikata mill-Qorti tal-Appell kisret id-dritt tas-soċjeta` appellanta għall-aċċess għall-Qorti.[5]

25. Huwa manifestament infondat l-argument tas-soċjeta` appellanti li d-drittijiet tagħha ġew leżi għaliex il-qafas legali relevanti ma kienx jipprovdi għal dritt ta' appell mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell. Il-Konvenzjoni Ewropea ma tiggarantix dritt ta' appell fi proċeduri ċivili iżda biss fi proċeduri kriminali, u terġa' u tgħid biss f'dawk il-pajjiżi li rratifikaw il-protokoll opzjonali relevanti.[6] Peress li mhuwiex kontestat li l-proċeduri ntavolati mis-soċjeta` appellanti huma ta' natura ċivili, huwa ċar għalhekk li l-fatt li m'hemmx appell mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, anke jekk il-proċeduri in kwistjoni ma kinux veru u proprju appell, mhuwiex leżiv tad-drittijiet tas-soċjeta` appellanti.

26. Dwar l-ilment tas-soċjeta` appellanta li ġie leż id-dritt tagħha għal rimedju effettiv sanċit permezz tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea, il-Qorti tirrileva li l-liġi ordinarja kienet tipprovdi għall-mekkaniżmu permezz ta' liema s-soċjeta` appellanta setgħat tikkontesta d-dewmien min-naħa tal-Awtorita` konvenuta li tagħti deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet sottomessi minnha, u li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell li l-appell tas-soċjeta` attriċi kien *fuori termine* kienet waħda raġonevoli u mhux sproporzjonata. Din il-Qorti diġa` kkonstatat ukoll li n-nuqqas ta' possibilita` għas-soċjeta` appellanti li tappella minn dik id-deċiżjoni mhuwiex

[5] Ara f'dan is-sens: **Kamenova v. Bulgaria** (QEDB, 12/07/2018).
[6] Ara f'dan ir-rigward: **Dunn v. The United Kingdom** (QEDB, 23/10/2012); **Wells v. The United Kingdom** (QEDB, 16/01/2007); **Monnell and Morris v. The United Kingdom** (QEDB, 02/03/1987).

leżiv tad-drittijiet tagħha, għaliex il-Konvenzjoni Ewropea ma tiggarantix dritt ta' appell fi proċeduri ċivili. Inoltre, il-liġi poġġiet fis-seħħ mekkaniżmu sabiex l-ilment dwar leżjoni ta' drittijiet fondamentali jiġi eżaminat mill-qrati, li bil-liġi għandhom is-setgħa li jagħtu kwalunkwe rimedju jqisu li huwa xieraq sabiex jirrimedja l-leżjoni subita mis-soċjeta` appellanti jekk dan ikun il-każ. Għaldaqstant dan l-ilment huwa manifestament infondat.

27. Jibqa' issa l-ilment tas-soċjeta` appellanti li d-dewmien skont hi, inġustifikat u rraġonevoli fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet intavolati minnha kien leżiv tad-dritt fondamentali tagħha sanċit permezz tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-pożizzjoni tal-konvenuta hija li dan id-dewmien kien ġustifikat għaliex is-soċjeta` appellanti naqset milli tissottometti *audited accounts* li kellha tissottometti. Min-naħa tagħha, is-soċjeta` attriċi tgħid li hija ma kinitx ġiet mitluba li tissottometti *audited accounts* in relazzjoni mal-applikazzjonijiet tagħha għall-stazzjonijiet tar-radju ġodda u li għalhekk id-dewmien kien irraġonevoli. L-ewwel Qorti sabet li ma kienx hemm leżjoni għaliex ikkonsidrat li għalkemm inizjalment ma kienx ċar li l-Awtorita` konvenuta riedet li jiġu sottomessi *audited accounts* sabiex tkompli tipproċessa l-applikazzjoni, sal-*email* mibgħut fil-11 ta' Ottubru 2018 kien sar ċar li l-Awtorita` konvenuta kienet qed tistenna din id-dokumentazzjoni. Wara li rat il-korrispondenza mibgħuta mill-Awtorita` konvenuta pero`, din il-Qorti ma taqbilx li kien ċar li l-Awtorita` konvenuta kienet qed tesiġi s-sottomissjoni ta' *audited*

*accounts* tas-soċjeta` attriċi sabiex tkompli tipproċessa l-applikazzjonijiet in kwistjoni.

28. L-ewwel nett mix-xhieda ta' Simon Manicolo, li fiż-żmien relevanti kien is-Segretarju tal-Bord tal-Awtorita` konvenuta, jirriżulta li d-deċiżjoni tal-Bord li tintalab is-sottomissjoni ta' *audited accounts* ma kinitx ittieħdet fir-rigward tal-applikazzjonijiet sottomessi mis-soċjeta` appellanti, iżda kienet informazzjoni li kienet ġiet mitluba mingħand kull min kellu xi forma ta' stazzjon tar-radju f'Malta (*fol.* 149). Inoltre, il-Qorti tosserva li din il-kwistjoni kienet ġiet diskussa fil-5 ta' Settembru 2018 (*fol.* 149), u ċioe` sitt ijiem qabel ma kien ser jiskadi t-terminu ta' erba' xhur mis-sottomissjoni tal-applikazzjoni tas-soċjeta` appellanti għall-liċenzja għall-istazzjon bl-isem "MALTIN BISS." Din ir-rikjesta mbagħad ġiet komunikata lis-soċjeta` appellanti permezz ta' ittra datata 8 ta' Ottubru 2018, u f'punt meta l-Awtorita` konvenuta kien diġa` għalqilha ż-żmien konċess lilha mil-liġi sabiex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tas-soċjeta` appellanti relattiva għall-istazzjon "MALTIN BISS."

29. Jirriżulta li s-soċjeta` attriċi ma ssottomettietx l-*audited accounts* tal-kumpanija iżda biss rendikont ta' *profit and loss* (mhux *audited)* ta' tlett stazzjonijiet tar-radju li kienet topera. Mill-korrispondenza esebita ma jidhirx li l-Awtorita` konvenuta f'xi ħin informat lis-soċjeta` attrċi li dawn l-*audited accounts* kienu meħtieġa sabiex l-applikazzjonijiet tagħha għall-istazzjonijiet "MALTIN BISS" u "D(ANCE) LAB" jiġu proċessati. Anzi fil-korrispodenza

mibgħuta mill-Awtorita` konvenuta ntqal li "…*be reminded that this request is in line with the licence conditions and non-compliance is subject to penalties and/or other action as stipulated by the Act."* (*fol.* 366) Fil-fehma ta' din il-Qorti s-soċjeta` appellanti ma setgħatx tiġi pretiża li tifhem li dawn id-dokumenti kienu meħtieġa sabiex jiġu proċessati l-applikazzjonijiet tagħha, ġaladarba fil-korrispondenza ntqal ċar u tond li s-sottomissjoni ta' din id-dokumentazzjoni kienet qed tintalab "*in line with licence conditions"* u naturalment la ma kienet għadha nħarġet l-ebda liċenzja għall-dawn iż-żewġ stazzjonijiet ma kien hemm l-ebda "*licence conditions"* applikabbli għalihom f'dak l-istadju.

30. Din il-Qorti ma tiddubitax li l-Awtorita` konvenuta kellha dritt titlob l-*audited accounts* tas-soċjeta` attriċi qabel ma tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet tagħha. Wara kollox, fil-formola tal-applikazzjoni stess hemm indikat li l-Awtorita` kienet qed tirriserva d-dritt "*to carry out a due diligence review of the…financial…and business operations and conditions of the Applicants."* Il-Qorti taqbel ukoll mal-ewwel Qorti li l-Awtorita` konvenuta kienet ġustifikata li titlob *audited accounts* tas-soċjeta` appellanti qabel ma tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tagħha kkonsidrat li kien qed jiġi propost li dawn l-istazzjonijiet ġodda jitmexxew min-nies fuq bażi volontarja u li kienet ser tagħmel tajjeb għall-ispejjeż is-soċjeta` rikorrenti, u wkoll peress li skont il-liġi l-Awtorita` appellata hija obbligata li tieħu in konsiderazzjoni 'il-potenzjal ekonomiku u viabilita`' tal-proposta tal-applikant.[7]

[7] Artikolu 11(2) tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta.

31. Il-Qorti tosserva inoltre li mill-provi jirriżulta li d-dewmien fil-proċessar tal-applikazzjoni tas-soċjeta` appellanti kien biss frott ta' malintiż, billi ma kienx ġie kkomunikat b'mod ċar li s-sottomissjoni tal-*audited accounts* kienet meħtieġa sabiex l-Awtorita` appellata tkompli tipproċessa dawn l-applikazzjonijiet. Dan il-malintiż seta' faċilment jiġi riżolt li kieku s-soċjeta` appellanti segwiet bir-reqqa l-applikazzjoni tagħha, inkluż billi ntavolat l-appell previst mil-liġi *entro* t-terminu stabbilit. Fil-fehma ta' din il-Qorti s-soċjeta` appellanti ma tistax tippretendi li hija vittma ta' leżjoni ta' drittijiet fondamentali fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ fejn jirriżulta li l-problema kollha setgħat faċilment ġiet riżolta kieku l-appellanta ħadet dawk il-passi li kienet raġonevolment mistennija li tieħu biex tittutela l-interess tagħha. Fil-fatt dan il-malintiż ġie riżolt hekk kif l-appellanti bdiet tieħu passi legali kontra l-Awtorita` appellata, meta l-Awtorita` għamlitha ċara li s-sottimissjoni tal-*audited accounts* tas-soċjeta` appellanti kienet meħtieġa sabiex l-applikazzjonijiet tas-soċjeta` appellanti setgħu jkomplu jiġu proċessati. Huwa ċar li f'dan il-punt is-soċjeta` appellanti webbset rasha u rrifjutat li tissottometti dawn l-*accounts* mingħajr raġuni valida, liema *accounts* ġew eventwalment sottomessi fl-atti tal-kawża wara direzzjoni mill-ewwel Qorti f'dan is-sens. Fi kwalunkwe każ, is-soċjeta` attriċi naqset milli tagħmel użu minn rimedju ordinarju li kien disponibbli lilha billi naqset milli tintavola l-appell previst mil-liġi *entro* t-terminu stabbilit, u dan oltre li l-attriċi kellha wkoll ir-rimedju illi terġa' titfa' applikazzjoni bid-dokumenti meħtieġa ġaladarba ma kienx hemm deċiżjoni ta' rifjut finali u irriversibbli. Għaldaqstant, fil-fehma ta' din il-Qorti iċ-ċirkostanzi

fattwali li jirriżultaw mill-atti mhumiex tal-gravita` meħtieġa sabiex tinstab il-leżjoni ta' drittijiet fondamentali lamentati mis-soċjeta` appellanti.

32. Għaldaqstant l-appell tas-soċjeta` appellanti qiegħed jiġi **miċħud**.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tas-soċjeta` appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata safejn konformi ma' din is-sentenza.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm